MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2011

Appell Civili - Ghawdex Numru. 10/2010/2

**Noel Sultana**

**vs**

**Andrew Mercieca**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat li fil-11 ta' April 2011, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar (Ghawdex) ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

*'It-Tribunal,*

*Ra l-avviz tat-talba pprezentat fil-5 ta' Marzu 2010, li jaqra hekk :-*

*‘Illi l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lir-rikorrent Noel Sultana is-somma ta’ elfejn tliet mija u hmistax –il Ewro u tlieta u sittin ewro centenzmi (€2,315.63), dovuti lir-rikorrenti bhala hlas ta’ xoghol u parts li saru minnu fuq inkarigu tal-konvenuti fuq iz-zewg vetturi, wahda tal-marka Mitsubishi L200 u l-ohra tal-marka Toyota truck bin-numru ta’ registrazzjoni JAA 989, liema ammont huwa dovut skond kif spjegat dettaljatament fl-invoices hawn annessi u markati bhala Dokumenti NS1 sa NS7, liema invoices huma traskritti b’ mod aktar car fid-dokument anness u markat NS8;*

*Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti u tal-ittra ufficjali numru 791/09, u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut.*

*Bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni’.*

*Il-konvenut permezz tar-risposta tieghu pprezentata fit-22 ta’ Marzu 2010, eccepixxa:-*

*‘Illi t-talbiet attrici huma totalment u kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attur, stante :-*

*i. Illi preliminarjament, it-talba attrici hija preskritta ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, u dana a tenur ta’ l-artikolu 2148 (a) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta ;*

*ii. Illi fil-meritu u in ogni kaz minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ammont pretiz mill-attur mhuwiex dovut stante illi x-xoghol minnu esegwit ma sarx skond l-arti u s-sengha u ma kienx ta’ kwalita` tajba ;*

*iii. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-ligi.*

*L-attur huwa minn issa ingunt ghas-subizzjoni ’.*

*Sama` l-provi.*

*Ra l-atti kollha tal-kawza, u d-dokumenti esebiti.*

*Ra li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.*

*Ikkunsidra :*

*Illi din hija azzjoni ghall-hlas ta' prezz ta' xoghlijiet ta' tiswija fuq zewg vetturi tal-konvenut. L-attur kien tqabbad mill-konvenut biex jaghmillu tiswijiet fuq trakk Mitsubishi bin-numru ta' registrazzjoni CBC 904 u trakk Toyota bin-numru ta' registrazzjoni JAA 989, u fuq generatur tad-dawl.*

*Illi ghal din l-azzjoni, il-konvenut laqa` billi, fost l-ohrajn qieghed jghid li lill-attur ghalaqlu z-zmien biex iressaq il-kawza. Ressaq ukoll eccezzjonijiet fil-mertu.*

*Illi ghalhekk qabel ma dan it-Tribunal jidhol fil-mertu, ser jistharreg is-siwi tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni li hija msejsa fuq iz-zmien ta' tmintax –il xahar kif imsemmi fl-artikolu 2148 tal-Kodici Civili, u senjatament il-preskrizzjoni komtemplata fil-paragrafu (a).*

*L-artikolu 2148 (a) igib l-estinzjoni tal-azzjoni b'gheluq ta' tmintax il-xahar fil-kaz ta` 'l-azzjonijiet tal-hajjata, skrapar, mastrudaxxi, bennejja, bajjada, haddieda, argentieri, arluggara, u ta' persuni ohra li jahdmu sengha jew arti mekkanika, ghall-prezz ta' l-opri jew tax-xoghlijiet taghhom, jew tal-materjal li jfornu.'*

*Illi mill-fatti li jemergu mill-atti tal-kawza jirrizulta li fis-sena 2007, l-attur kien gie nkarigat mill-konvenut biex jaghmillu tiswijiet u jibdillu xi parts fuq iz-zewg vetturi msemmija u wkoll fuq generatur tad-dawl li l-konvenut ghandu fil-ghalqa tieghu. L-attur hareg il-fatturi ghall-jlas tal-imsemmija xogholijiet fl-20 ta' Marzu 2007 (dokument NS1), 29 ta' Marzu 2007 (dokument NS2), 28 ta' Marzu 2007 (dokument NS3), 10 ta' Ottubru 2007 (dokument NS4), 23 ta' Ottubru 2007 (dokument NS5), 26 ta' Ottubru 2007 (dokument NS6) u 13 ta' Novembru 2007 (dokument NS7). Minn dawn il-fatturi l-konvenut m' ghamel ebda hlas. Jirrizulta li l-hlas bejn kont li l-konvenut kien ghamel f'Ottubru 2007, dan kien ghamlu fuq tiswijiet li kienu saru precedentement fuq it-trakk Toyota bin-numru JAA 989. Fl-20 ta' Novembru 2009, l-attur ressaq ittra ufficjali (Ittra*

*numru 791/09) kontra l-konvenut fejn talbu l-hlas ta' elfejn tliet mija u hmistax –il Euro u tlieta u sittin centezmi (€2,315.63), liema ittra giet innotifikata lill-konvenut fit-23 ta' Novembru 2009, u cioe` aktar minn erbgha u ghoxrin xahar wara li l-attur kien haret l-ahhar fattura. Fil-5 ta' Marzu 2010, infethet il-kawza.*

*Illi ghal dak li jirrigwarda l-aspetti legali marbutin mal-eccezzjoni taht ezami jrid jinghad li, ladarba z-zmien preskrittiv jigi ippruvat, il-piz tal-prova li dak iz-zmien gie miksur jaqa` fuq il-parti attrici (Kollez. Vol. XXXVI.i.133). Ghalhekk, l-ewwel haga li jrid jaghmel it-Tribunal f' dan il-kaz huwa li jqis jekk il-preskrizzjoni mqanqla mill-konvenut hijiex dik li tapplika ghall-kaz, u jekk dan jirrizulta minnu, imbaghad iqis jekk sehhx tassew ksur taz-zmien jew rinunzja ghalih b' ghamil tal-istess konvenut.*

*Jibda biex jinghad li f'kull kaz li tittella eccezzjoni tal-preskrizzjoni, huwa mehtieg li fl-ewwel lok jigi determinat minn mindu l-preskrizzjoni tal-azzjoni ghandha tibda titqies. Huwa dmir tat-Tribunal li jqis dan il-fatt krucjali, ghaliex meta tali data mill-provi mressqa ma tistax titqies, it-Tribunal irid awtomatikament jichah l-eccezzjoni. Fi-kaz prezenti jirrizulta mix-xhieda tal-attur li l-fatturi harighom u ghaddihom lill-konvenut fid-dati li jidhru fuqhom, wara li kien tlesta x-xoghol. Ma sar ebda xoghol iehor wara li harget l-ahhar fattura fit-13 ta' Novembru 2007. L-attur stess jistqarr li 'Fuq dawn l-invoices, dwar dan il-hlas jien qatt ma kellimtu. Darba naf li kellmitu l-mara tieghi u kien qallha : Iva nrid inkellmu. Jien kull meta kellimtu dwar dawn l-invoices, il-konvenut dejjem qalli : Imbaghad narak. Il-konvenut qatt ma gie lmenta mieghu la fuq il-kwalita tax-xoghol u lanqas fuq il-kont li kont tajtu relattivi ghal dawn l-invoices mertu ta' dan il-kaz. Minn meta marti bdiet iccempillu, il-konvenut ma resaqx aktar lejn il-hanut tieghi.' (xhieda tal-attur a fol. 22). Huwa ghalhekk mid-data ta' kull fattura mahruga mill-attur li jibda jintghadd iz-zmien tal-preskrizzjoni.*

*Illi nghad ukoll li z-zmien tal-preskrizzjoni jrid jitqies b' riferenza ghall-azzjoni kif imfassla (Kollez. Vol. XLII.i.153). Fil-kaz li ghandu quddiemu t-Tribunal, jidher car li l-attur*

*qed isejjes l-azzjoni tieghu ghall-hlas tal-prezz tax-xoghol tieghu, u ghalhekk jinghad li l-preskrizzjoni eccepita mill-konvenut taht l-artikolu 2148(a) tal-Kodici Civili ghandha tigi mistharrga fid-dawl tal-azzjoni kif mibnija. L-artikolu 2148 (a) jirreferixxi ghall-krediti ta' artefici li jipprestaw l-opera taghhom u mhux appatatur tal-opra li ghaliha l-materjal jkun servew (Kollez. Vol. XLI.i.347). Jirreferixxi ghall-kazijiet ta' xoghol imwettaq bl-imnut (Kollez. Vol. XLVII.i.102). Fil-kaz li ghandu quddiemu dan it-Tribunal l-arrangament milhuq bejn il-partijiet u x-xoghol li sar mill-attur u l-materjal fornut lill-konvenut li ntuza fit-tiswijiet japplika ghalih dan l-artikolu 2148 (a) u mhux l-artikolu 2149(a), li mieghu ghandu certa affinita`.*

*Illi hija regola ewlenija fil-procedura li l-prova li l-azzjoni hija preskritta trid issir minn min iqanqal l-eccezzjoni, u ghalkemm il-parti attrici tista tressaq provi biex tittanta xxejjen dawk tal-parti mharrka billi tmieri li ghadda z-zmien jew billi ggib `il-quddiem provi li juru li l-preskrizzjoni kienet sospiza jew interrotta, il-piz jaqa` principalment fuq min jallega l-preskirizzjoni (Kollez. Vol.XLViii.i.603). Hi l-parti mharrka li trid tipprova li l-parti attrici ghaddielha z-zmien utli biex tressaq il-kawza, u dan minn zmien minn meta dik il-kawza setghet titressaq (Appell Civili,* ***AIC Guido Vella vs Nutar Emanuel Cefai****, 5 ta' Ottubru 2001). Jibqa l-fatt li l-preskrizzjoni hija istitut li huwa proceduralment mehtieg daqskemm huwa odjuz, u meta gudikant jigi mitlub jiddieciedi fuq eccezzjoni tal-preskrizzjoni, irid jasal ghall-fehma tieghu fuq fatti cari u mhux kongenturi. (Prim` Awla,* ***Peter Montebello vs Peter Montebello et****, 25 ta' Settembru 2003). Minn ezami tal-atti processwali jirrizulta ampjament li bejn z-zmien meta l-attur lesta kull bicca xoghol u hareg il-kontijiet taghhom sa meta giet spedita l-ittra ufficjali kien lahqu ghaddew aktar minn tmintax –il xahar.*

*Wara li l-konvenut rcieva l-kont tax-xoghol, mart l-attur kienet bdiet icempillu u tigri warajh ghall-hlas. Ma ngabet ebda prova minn naha tal-attur li l-perjodu preskrittiv kien gie b' xi mod interrott jew bil-pagament akkont jew bir-rikonoxximent tad-dejn. L-Artikolu 2133 tal-Kodici Civili jghid hekk : 'Il-preskrizzjoni tinkiser jekk id-debitur jew il-*

*pussessur jaghraf il-jedd tal-parti li kontra taghha dik il-preskrizzjoni kienet bdiet miexja'. Fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti ta' l-Appell tat-30 ta' Mejju 1952, fil-kawza fl-ismijiet :* ***Carmelo Micallef vs Brigadier John Belle Mc Cance noe****. jinghad hekk : 'Illi r-rikonjizzjoni interruttiva ghar-rinunzja ghall-preskrizzjoni kompita tista` tkun diretta u espressa, b'dikjarazzjoni formali tal-volonta` li jigi rikonoxxut id-dritt ; tista tkun diretta u tacita, b' fatti li fihom infushom immedjatament juru dik il-volonta`, u tista tkun indiretta jew prezunta, dedotta minn fatti konkludenti inkompatibili mal-volonta` tal-preskriventi li jikkontesta l-ezistenza u l-ezercizzju tad-dritt. Ir-rinunzja tacita hi kwistjoni tal-volonta` prezunta tad-debitur, u kwindi ma hemmx rinunzja jekk hu jesprimi rubu b' mod li jimmanifesta pjuttost l-intenzjoni li ma jirrikonixxix id-dritt …… Ma hemmx dubju li, kif jghidu Marcade` u Pont (Spiegaz. Teor. Prat. Cod. Nap., XI. P. 190, para. 179), ……… nel caso di contesa sulla circostanza della ezistenza della ricognizione, la prova appartieni a colui che la invoca ……… jehtieg li jkunu univoci …… Il-Baudry-Lacantinerie (Tratt. Teor. Prat. Dto. Civ., pag. 393 et seq) jikkontempla diversi kazijiet fejn tidhol il-kwistjoni tarrikonixximent, u jghid (ara nota (3) pag. 393) illi :- Dei semplici colloqui tra creditori e debitori non portebbero evidentemente implicare il riconoscimento del debito.*

*Fil-kaz odjern minn ezami processwali certament ma kien hemm ebda rikonoxximent espress tad-debitu. Lanqas ma jista` jinghad li gie soddisfacentement pruvat li kien hemm rikonoxximent tacitu ghaliex ma rrizultax li l-konvenut ghamel xi att li fih innifsu juri l-volonta` univoka li jirrikonoxxi id-dritt tal-attur. Anzi jirrizulta car mix-xhieda tal-istess attur u martu li l-konvenut kien qed jevitahom. Dan ir-Tribunal lanqas ma jista jifhem x' kienet ir-raguni tal-attur il-ghala halla daqstant zmien jghaddi qabel ma ddecieda li jiehu azzjoni u spedixxa l-ittra ufficcjali meta kien jaf li l-konvenut kien qed jiskartah u jevita li jiltaqa mieghu.*

*Illi l-eccezzjoni tal-konvenut dwar il-preskrizzjoni timmerita ghalhekk li tigi akkolta.*

*Ghall-motivi premessi dan it-Tribunal qed jaqta u jiddeciedi l-kawza billi jilqa` l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut dwar il-preskrizzjoni, u jiddikjara l-azzjoni attrici preskritta ai termini tal-artikolu 2148(a) tal-Kodici Civili.*

*Bl-ispejjez kontra l-attur.*

Rat ir-rikors tal-appell tal-attur Noel Sultana fejn filwaqt illi jaghmel piena referenza ghal provi gia migbura u filwaqt li jirriserva illi jipproduci provi ulterjuri skond il-ligi, minhabba ragunijiet hemm premessi talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza moghtija mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar (Ghawdex) fil-hdax (11) t' April tas-sena elfejn u hdax (2011) billi tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni mressqa mill-konvenut appellat, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut appella.

Rat ir-risposta tal-appell tal-appellat Andrew Mercieca li filwaqt illi jaghmel referenza ghall-provi kollha gia prodotti u ghal dawk producibbli f' dana l-istadju, talab li din il-Qorti joghgobha taqta u tiddeciedi li l-appell interpost mill-attur appellanti kif fuq premess ghandhu jigi michud in toto u dana kollu prevja l-konferma tas-sentenza ta' l-Onorabbli Tribunal ghal Talbiet Zghar tal-11 ta' April 2011 fl-interita taghha.

Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellanti.

Rat ir-risposta ulterjuri tal-appellat Andrew Mercieca illi ghal kull buon fini, u anke in vista ta' dak illi jipprovdi l-Artikolu 2111 tal-Kap. 16, fejn huwa qajjem formalment l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ta' l-azzjoni attrici skond ma jipprovdi l-Artikolu **2149 (a) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Rat li dan l-appell gie appuntat ghas-smigh ghall-Erbgha, 15 ta' Gunju 2011 fejn d-difensuri tal-partijiet trattaw il-kaz u l-appell gie differit ghas-sentenza ghad-19 ta' Ottubru 2011.

Rat l-atti kollha relattivi.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi l-appell odjern huwa fis-sens li (a) li l-preskrizzjoni applikabbli hija dik tal-**artikolu 2149 (a) tal-Kap. 16** u mhux dik abbazi tal-**artikolu 2148 (a);** (b) kien hemm interuzzjoni tal-preskrizzjoni skond id-dispisizzjonijiet tal-**artikolu 2133 tal-Kap. 16** u dan ghaliex l-appellat irrikonoxxa dan id-dejn.

Illi fir-risposta inghad li l-azzjoni hija preskritta skond l-**artikolu 2148 (a) tal-Kap. 16** izda anke jekk jigi applikat l-**artikolu 2149 (a)** l-azzjoni hija preskritta ghaliex l-ahhar kont li hareg kien datat 17 ta' Novembru 2007 u l-ittra ufficjali saret fl-20 ta' Novembru 2009; l-istess appellat qajjem ukoll l-ahhar imsemmija preskrizzjoni fi stadju ta' appell, flimkien mal-preskrizzjoni gja eccepita minnu skond l-**artikolu 2148 (a) tal-Kap. 16** u dan a bazi ta' l-**artikolu 2112 tal-Kap. 16;** inghad ukoll dwar it-tieni aggravvu li ma kien hemm ebda rinunzja ta' preskrizzjoni.

Illi dan il-kaz jittratta dwar xoghol li ghamel l-appellant fuq zewgt vetturi tal-appellat kif jidher minn *invoices* relattivi datati 20 ta' Marzu 2007 sat-13 ta' Novembru 2007 (Dok. "NS 1" sa Dok. "NS 7") u din il-Qorti thoss li ghall kaz in ezami tapplika l-preskrizzjoni eccepita quddiem it-Tribunal ghall-Talbiet Zghar skond l-**artikolu 2148 (a) tal-Kap. 16** almenu fuq il-fatti li sawru dan il-kaz in ezami (**"Joseph Cassar nomine vs Joe Galea"** (P.A. (RCP) – 31 ta' Mejju 2001). Dan jinghad iktar u iktar meta l-fattispecie tal-kaz jidhru li huma l-istess f'dak li huwa n-negozju li kien hemm bejn il-partijiet bhal dak kontemplat fil-kawza fl-ismijiet **"Pace Associates Limited vs Drawing Techniques Limited"** (A.I.C. (PS) – 7 ta' Dicembru 2005) fejn inghad li li *"l-ligi taghna tipprexindi mill-kwalita' tal-persuni u anzi ma tharisx lejn dik li tista' abitwalment il-professjoni tan-negozjant imma thares lejn il-vendita' partikolari in kwestjoni per se (Kollez. Vol. XLVIII.III.p.959)".* Barra minn dan hemm differenza ohra iktar fondamentali u ghaliex l-preskrizzjoni stabilita fl-**artikolu 2148 (a)** tapplika ghall krediti ta' artefici li jipprestaw l-opra taghhom, fil-waqt li fil-kaz ta' l-**artikolu 2149 (a)** il-preskrizzjoni tirriferixxi ghall-krediti ta' dawk li

fihom tkun prevalenti l-karattru ta’ spekulaturi, u li aktar minn opra, jipprestaw xoghol – *opus* – minghajr distinzjoni in rigward tan-natura tax-xogholijiet u minghajr qies ta’ importanza tas-somministrazzjonijiet; dan ghaliex il-preskrizzjoni skond l-**artikolu 2148** tirreferrixi ghal lokazzjoni ta’ opera li biha dawk il-persuni li jkunu obbligaw ruhhom jaghtu x-xoghol taghhom, u mhux il-*locatio operis* li biha imprenditur jobbliga ruhhu li jaghti, mhux ix-xoghol, izda prodott tax-xoghol – meta l-lokazzjoni d’opera tkun konnessa ma’ organizzazzjoni ta’ mezzi teknici li timprimi lil-lokazzjoni l-karattru oggettivament kummercjali **(Vol. XXXVIII.iii.710** u **“Langdale Limited et vs Jon David Limited”** – A.I.C. (PS) – 3 ta’ Novembru 2004). B’hekk l-ewwel aggravju qed jigi michud.

Illi pero’ jinghad li f’dan il-kaz l-appellat jidher li uza id-disposizzjoni tal-**artikolu 2112 tal-Kap. 16** li tipprovi li *“l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni tista’ tinghata f’kull waqt tal-kawza, imqar fl-appell”* u dan sabiex qajjem ukoll il-preskrizzjoni abbazi tal-**artkolu 2149 (a)** ghall-ewwel darba f’dan l-istadju ta’ appell, u dan jista’ ssir skond il-Ligi, u dan kif gie deciz konstantament mill-Qrati nostrali nkluz fis-sentenzi **“Joseph Gauci vs Saviour Farrugia”** (A.I.C. (PS) – 22 ta’ Gunju 2005) fejn inghad li:-

*“Issa f’din is-sede l-appellant jinqeda bid-dispost ta’ l-Artikolu 2113 Kodici Civili billi jippreciza illi l-preskrizzjoni applikabbli hi dik stabbilita’ fl-Artikolu 2149, sub-inciz (c) tal-Kapitolu 16. In linea ta’ principju generali din il-Qorti fi grad ta’ appell ma tistax ma tammettix din l-eccezzjoni. Dan ghaliex “qatt ma gie dubitat illi l-eccezzjonijiet tal-preskrizzjoni, anke bl-emendi ghal Kap. 12, tista’ tigi sollevata fi stadju ta’ l-appell (**“Paul Balzan nomine vs John Scicluna nomine”,** Appell 3 ta’ Dicembru 1999). S’intendi, dejjem, dejjem salv il-kwistjoni rigwradanti l-kap ta’ l-ispejjez. Ara **Kollez. Vol. XXIII.i.952** u **Vol. XXXIV.i.329”.***

Illi l-istess jinghad fis-sentenzi fl-ismijiet **“ Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma vs Joseph Quattromani”** (A.I.C. (PS) – 19 ta’ Mejju 2004) u **“Gayle Scerri vs Eric Borg et”** (A.I.C. – 20 ta’ Ottubru 2003) fis-sens li:-

*"Issa ma jidhirx li jista' jkun dubitat illi eccezzjoni ta' preskrizzzjoni tista' titqajjem anke fi stadju ta' l-appell. In kwantu eccezzjoni perentorja fuq il-mertu japplika ghaliha d-dispost tal-Artikolu 732 (1) tal-Kap. 12 li jipprovdu li "eccezzjonijiet perentorju jistghu jinghataw ukoll fil-qorti fil-grad ta' l-appell ghalkemm ma jkunux gew moghtija fil-qorti tal-ewwel grad. B'mod aktar preciz "eccezzjoni tal-preskrizzjoni tista' tinghata f'kull waqt tal-kawza, mqar fl-appell (Art. 2112 tal-Kodici Civili)". "Infatti qatt ma gie ddubitat jekk l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni anki bl-emendi ghall-Kodici tal-Procedura tistax tigi sollevata fi stadju ta' l-appell salv dejjem il-kwestjoni rigwardanti l-kap ta' l-ispejjez". (**"Paul Balzan nomine vs John Scicluna nomine",** Appell 3 ta' Dicembru 1999)".*
Illi dan huwa ormai kollu akkademiku ghaliex gja gie deciz li l-preskrizzjoni applikabbli hija dik ecceppita taht l-**artikolu 2148 (a)** izda anke jekk biss ghall grazzja tal-argument jigi koncess li kellhu japplika l-**artikolu 2149 (a),** jirrizulta li l-azzjoni esperita hija preskritta wkoll skond dan l-artikolu ghaliex it-terminu ta' preskrizzjoni hemm indikat huwa ta' sentejn, u la darba l-ahhar kont hareg fit-13 ta' Novembru 2007, u l-ittra ufficjali saret fl-20 ta' Novembru 2009, gja hemm il-preskrizzjoni ta' sentejn u la darba l-azzjoni odjerna saret fil-5 ta' Marzu 2010, mela allura l-azzjoni attrici kienet tkun preskritta anke a bazi ta' dan l-artikolu.

Illi dwar it-tieni aggravvu fejn qed jinghad li l-appellat irrinunzja ghall-preskrizzjoni, l-allegazzjoni tal-appellant hija li l-appellat irrikonoxxa l-kreditu u allura tali rikonoxximent jwassal sabiex tinkiser il-preskrizzjoni li tkun bdiet miexja abbazi tal-**artikolu 2133 tal-Kap. 16** u dan jista' jsehh anke meta d-debitur jirrikonoxxi l-ezistenza tal-kreditu u mhux l-ammont (**"Mary Rose Tabone" vs Silvia Vassallo"** – A.C. – 24 ta' Marzu 2004) u anke meta tali rikonoxximent issir meta jkun ghadda l-perjodu ta' preskrizzjoni **(Carmelina Vella et vs Anthony Borg et"** – A.C. – 16 ta' Settembru 1994; **"Alfredo Borg vs Carmelo Brincat et"** P.A. – 5 ta' Gunju 1959). Inghad li tezisti rinunzja anke meta d-debitur ma jichadx id-dejn izda jikkontesta l-qauntum u dan ukoll ghaliex tali eccezzjoni hija fiha nfisha inkonsistenti mal-eccezzjoni ta'

preskrizzjoni **("Victor Calleja nomine vs Nazzareno Vassallo et nomine"** (A.C. – 5 ta' Ottubru 1998).

Illi hawn l-appellant jghid li l-appellat qatt ma ikkontesta d-dejn, izda mill-brani citati fl-appell interpost mix-xhieda tal-konvenut qed jinghad li l-istess appellat qatt ma ikkontesta l-ezistenza tad-dejn, izda sostna biss li ma riedx ihallas ghaliex ix-xoghol huwa hazin u kien lest anke li jitkellem mal-appellant, almenu meta kellmitu martu; qed jigi vantat ukoll li tali rikonoxximent johrog meta l-konvenut wera li ried jiltaqa' mal-attur fuq din il-pendenza u meta talbu sabiex johrog il-kont.

Illi hawn din il-Qorti thoss li ghandha tghid li jekk l-appellat talab il-kont lill-appellant dan bilfors jirreferi ghal-perjodu qabel l-ahhar kont ta' Novembru 2007 u allura certament li dan l-allegat avveniment ma jistax iwassal ghall-rinunzja ta' preskrizzjoni, li bdiet taghddi meta inhareg l-ahhar kont.

Illi dwar l-allegazzjonijiet ohra din il-Qort thoss li l-appellant ma ippruvax, meta kien oneru fuqu li jaghmel dan, li l-appellat qatt irrikonoxxa l-allegat kreditu tal-appellant, tant li huwa dejjem ikkontesta l-istess u qal li ma ghandu jaghti xejn ghaliex ix-xoghol sar hazin, u allura apparti li hija zbjaljata u inkorretta l-allegazzjoni vantata mill-appellant, li l-appellat ma kienx qed jaqbel biss mal-ammont, ghaliex fil-verita' l-appellat dejjem sostna li x-xoghol kollu kien hazin ma ried ihallas xejn, izda jinghad ukoll li ma jirrizultax li gie ppruvat mill-appellant li kien hemm da parte tal-appellat xi rinunzja ta' dritt ghall fini ta' preskrizzjoni li tista' titqies wahda volontarja, inekwivoka, u esterjorizzata b'tali mod li juri li huwa kien lest li jcedi xi dritt jew jirrinunzja ghal dak li kien akkwizit minnu **("Austin Psaila vs Lother Slabick"** – A.C. (PS) – 9 ta' Frar 2005)

Illi fil-fatt mill-provi prodotti jirrizulta li ghalkemm kien oneru tal-appellant li jipprova l-interuzzjoni tal-preskrizzjoni, dan ma ghamlux u l-iktar li jista' jinghad huwa li hemm konflitt ta' provi, u fejn dan huwa l-kaz, *"l-konsegwenza m'hijiex li ghandha tigi michuda l-*

*preskrizzjoni, imma dik kuntrarja, li ghandha tigi akkolta, peress li l-posizzjoni guridika tkun li mentri jkun fatt li ghadda t-terminu tal-preskrizzjoni, ikun ugwalment fatt li l-atturi ma ssodisfawx lill-Qorti li kien hemm interuzzjoni"* **(Vol. XXX.i.989; Vol. XXXII.i.44; "Mary Rose Tabone vs Silvio Vassallo et"** (A.I.C. (PS) – 24 ta' Marzu 2004).

Illi f'dan il-kuntest il-konkluzzjonijiet li wasal ghalihom it-Tribunal huma korretti meta rritjena li:-

*'L-Artikolu 2133 tal-Kodici Civili jghid hekk : 'Il-preskrizzjoni tinkiser jekk id-debitur jew il-pussessur jaghraf il-jedd tal-parti li kontra taghha dik il-preskrizzjoni kienet bdiet miexja'. Fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti ta' l-Appell tat-30 ta' Mejju 1952, fil-kawza fl-ismijiet :* ***Carmelo Micallef vs Brigadier John Belle Mc Cance noe****. jinghad hekk : 'Illi r-rikonjizzjoni interruttiva ghar-rinunzja ghall-preskrizzjoni kompita tista` tkun diretta u espressa, b'dikjarazzjoni formali tal-volonta` li jigi rikonoxxut id-dritt ; tista tkun diretta u tacita, b' fatti li fihom infushom immedjatament juru dik il-volonta`, u tista tkun indiretta jew prezunta, dedotta minn fatti konkludenti inkompatibili mal-volonta` tal-preskriventi li jikkontesta l-ezistenza u l-ezercizzju tad-dritt. Ir-rinunzja tacita hi kwistjoni tal-volonta` prezunta tad-debitur, u kwindi ma hemmx rinunzja jekk hu jesprimi rubu b' mod li jimmanifesta pjuttost l-intenzjoni li ma jirrikonixxix id-dritt …… Ma hemmx dubju li, kif jghidu Marcade` u Pont (Spiegaz. Teor. Prat. Cod. Nap., XI. P. 190, para. 179), ……… nel caso di contesa sulla circostanza della ezistenza della ricognizione, la prova appartieni a colui che la invoca ……… jehtieg li jkunu univoci …… Il-Baudry-Lacantinerie (Tratt. Teor. Prat. Dto. Civ., pag. 393 et seq) jikkontempla diversi kazijiet fejn tidhol il-kwistjoni tarrikonixximent, u jghid (ara nota (3) pag. 393) illi :- Dei semplici colloqui tra creditori e debitori non portebbero evidentemente implicare il riconoscimento del debito'.*

*'Fil-kaz odjern minn ezami processwali certament ma kien hemm ebda rikonoxximent espress tad-debitu. Lanqas ma jista` jinghad li gie soddisfacentement pruvat li kien hemm rikonoxximent tacitu ghaliex ma rrizultax li l-konvenut*

*ghamel xi att li fih innifsu juri l-volonta` univoka li jirrikonoxxi id-dritt tal-attur. Anzi jirrizulta car mix-xhieda tal-istess attur u martu li l-konvenut kien qed jevitahom. Dan ir-Tribunal lanqas ma jista jifhem x' kienet ir-raguni tal-attur il-ghala halla daqstant zmien jghaddi qabel ma ddecieda li jiehu azzjoni u spedixxa l-ittra ufficcjali meta kien jaf li l-konvenut kien qed jiskartah u jevita li jiltaqa mieghu'.*

Illi ghalhekk anke dan l-aggravju qed jigi respint.

## III. KONKLUZJONI

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' r-risposta tal-appellat datata 20 ta' Mejju 2011 biss in kwantu l-istess hija konsistenti ma' dak hawn deciz, **tichad l-appell interpost mill-appellant Noel Sultana datat 2 ta' Mejju 2011 ghaliex huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt kif hawn deciz b'dan li tikkonferma is-sentenza tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar fl-ismijiet "Noel Sultana vs Andrew Mercieca" (Avviz tat-Talba Numru 10/2010/MS) datata 11 ta' April 2011 ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi.**

**Bl-ispejjez kollha taz-zewgt istanzi kontra l-appellanti Noel Sultana.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------